

Brussell, 3 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13712/23

CLIMA 437
ENV 1068
TRANS 391
MI 808
DELECT 148

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 5957 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 7.9.2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġustament tal-valuri tal-massa ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 5957 final.

Mehmuż: C(2023) 5957 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2023
C(2023) 5957 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.9.2023

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-aġġustament tal-valuri tal-massa ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta'
vetturi kummerċjali ħfief ġodda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Skont ir-Regolament (UE) 2019/631, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ li għandhom jintlaħqu mill-manifatturi tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda huma stabbiliti bħala funzjoni tal-massa medja tal-flotta tal-vetturi tal-manifattur irreġistrata fis-sena fil-mira kif ukoll bħala l-massa medja tal-flotta tal-vetturi fl-UE kollha. Sal-2024, il-valur tal-massa li għandu jintuża għal dan il-għan huwa l-massa fi stat ta' tħaddim tal-vetturi kkonċernati. Mill-2025, l-approċċ se jkun ibbażat fuq il-massa tat-test tal-vetturi. Sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà tal-miri tal-manifattur, il-massa medja tal-flotta tal-vetturi fl-UE kollha li tintuża fil-formuli tal-kalkolu mhijiex dik tas-sena fil-mira, iżda pjuttost valur ta' referenza, li jkun ibbażat fuq il-massa medja tal-flotta fis-snin kalendarji preċedenti: il-valur M_0 fir-rigward tal-massa fi stat ta' tħaddim u l-valur TM_0 fir-rigward tal-massa tat-test.

Sabiex jiġi żgurat li l-miri tal-emissjonijiet tal-flotta kollha tal-UE stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/631 jibqgħu jintlaħqu maż-żmien, il-formula għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi jenħtieġ li tirrifletti l-evoluzzjoni tal-massa medja tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni.

Għalhekk, il-valuri M_0 u TM_0 fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631, għandhom jiġu aġġustati regolarment, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (kull 3 snin għal M_0 u kull sentejn għal TM_0).

F'konformità mal-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-valur M_0 il-ġdid li għandu jiġi applikat biex jiġu kkalkolati l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2024 għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda huwa bbażat fuq il-massa fi stat ta' tħaddim medja ta' dawn il-vetturi rreġistrati fis-snin kalendarji 2019, 2020 u 2021. Il-valur huwa kkalkolat bħala l-massa fi stat ta' tħaddim medja tal-flotta kollha tal-UE f'kull waħda minn dawk it-3 snin, ponderata skont l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda f'kull waħda minn dawk is-snin, kif ikkonfermaw id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/973¹, (UE) 2022/2087² u (UE) 2023/1623³.

F'konformità mal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-valuri TM_0 indikattivi għall-2025 huma ddeterminati bħala l-massa tat-test medja tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha, rispettivament, irreġistrati fl-2021. Il-valur huwa

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/973 tal-1 ta' Ġunju 2021 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2019 u, għall-manifattur Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG u l-konsorzju tal-Volkswagen, għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 215, 17.6.2021, p. 1).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2087 tas-26 ta' Settembru 2022 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2020 u li tinforma lill-manifatturi dwar il-valuri li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi u tal-miri ta' deroga għas-snin kalendarji mill-2021 sal-2024 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 280, 28.10.2022, p. 49).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1623 tat-3 ta' Awwissu 2023 li tispeċifika l-valuri relatati mal-prestazzjoni tal-manifatturi u tal-konsorzji tal-manifatturi ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2021 u l-valuri li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 'il quddiem, skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2087 (ĠU L 200, 10.8.2023, p. 5).

ugwali għall-massa tat-test medja tal-flotta kollha tal-UE tal-vetturi ġodda rreġistrati fl-2021, kif ikkonfermat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1623.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fil-21 ta' Marzu 2023, il-Grupp ta' Esperti dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi bil-mutur ġie infurmat dwar il-valuri M_0 u TM_0 il-ġodda.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-formula tal-kalkolu tal-mira hija emendata bil-għan li jiġi applikat il-valur M_0 il-ġdid għall-vetturi kummerċjali ħfief mill-1 ta' Jannar 2024.

Il-formuli tal-kalkolu tal-mira huma emendati bil-għan li jiġu applikati l-valuri TM_0 il-ġodda għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief mill-1 ta' Jannar 2025.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.9.2023

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġustament tal-valuri tal-massa ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karożżi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/631, il-massa fi stat ta' tħaddim medja użata għall-fini ta' kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) tal-flotta kollha tal-Unjoni għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda (il-valur M₀) għandha tiġi aġġustata regolarment sal-2024 biex jitqiesu l-bidliet fil-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni.
- (2) Abbażi tad-*data* fl-Annessi I sa IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/973⁵, fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2087⁶ u fl-Annessi I sa III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1623⁷, il-massa medja fi stat ta' tħaddim ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fis-snin kalendarji 2019, 2020 u 2021, ponderata skont l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda f'kull waħda minn dawk is-snin, kienet 1 875,07 kg. Għalhekk jenħtieġ li l-valur M₀ għas-sena kalendarja 2024

⁴ ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/973 tal-1 ta' Ġunju 2021 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karożżi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2019 u, għall-manifattur Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG u l-konsorzju tal-Volkswagen, għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 215, 17.6.2021, p. 1).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2087 tas-26 ta' Settembru 2022 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karożżi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2020 u li tinforma lill-manifatturi dwar il-valuri li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u tal-miri ta' deroga għas-snin kalendarji mill-2021 sal-2024 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 280, 28.10.2022, p. 49).

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1623 tat-3 ta' Awwissu li tispeċifika l-valuri relatati mal-prestazzjoni tal-manifatturi u tal-konsorzji tal-manifatturi ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2021 u l-valuri li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 'il quddiem, skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2087 (ĠU L 200, 10.8.2023, p. 5).

imsemmi fil-Parti B, il-punt 4, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 ikun ugwali għal dak il-valur.

- (3) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/631, mill-2025, il-massa tat-test medja tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha (il-valuri TM_0) għandha tintuża għall-fini ta' kalkolu tal-miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi għal kull manifattur ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief. Il-valuri TM_0 li għandhom jintużaw għall-kalkolu għandhom jiġu aġġustati regolarment għall-massa tat-test medja rispettiva tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati.
- (4) Il-valuri TM_0 indikattivi għall-2025 jenħtieġ li jiġu kkalkolati bħala l-massa tat-test medja rispettiva tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda kollha u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fis-sena kalendarja 2021. Abbażi tad-*data* fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1623, il-massa tat-test medja tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri rreġistrati fis-sena kalendarja 2021 kienet 1 609,6 kg, u l-massa tat-test medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fis-sena kalendarja 2021 kienet 2 163,0 kg. Għalhekk, il-valuri indikattivi TM_0 għas-sena kalendarja 2025 imsemmija fil-Parti A, il-punt 6.2.1, u fil-Parti B, il-punt 6.2.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631, jenħtieġ li jkunu ugwali għal dawk il-valuri.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/631 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-Parti A, il-punt 6.2.1, l-entrata TM_0 hija sostitwita b'dan li ġej:
“ TM_0 huwa 1 609,6 kg fl-2025 u l-valur f'kilogrammi (kg) iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 14(1), il-punt (d), fis-snin kalendarji l-oħra.”;
- (2) fil-Parti B, il-punt 4, l-entrata M_0 hija sostitwita b'dan li ġej:
“ M_0 huwa 1 766,4 fl-2020, 1 825,23 fl-2021, fl-2022 u fl-2023, u 1 875,07 fl-2024”;
- (3) fil-Parti B, il-punt 6.2.1, l-entrata TM_0 hija sostitwita b'dan li ġej:
“ TM_0 huwa 2 163,0 kg fl-2025 u l-valur f'kilogrammi (kg) iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 14(1), il-punt (d), fis-snin kalendarji l-oħra.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.9.2023

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*